

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2016) 3753, tal-20 ta' Ġunju 2016, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri fi ħdan il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u fi ħdan il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2016, L 173, p. 59), sa fejn din tirrigwarda r-Repubblika Portugiża.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Repubblika Portugiża għandha tbat, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, tliet kwarti mill-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Il-Kummissjoni għandha tbat kwart mill-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 392, 24.10.2016

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Ottubru 2018 – Tataram vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-546/16) ⁽¹⁾

(“*Servizz pubbliku — Uffiċjali — Adattament tar-remunerazzjonijiet — Regolament (UE) Nru 423/2014 — Rendikont tar-remunerazzjoni — Terminu ta' rikors — Esklużjoni — Inammissibbiltà*”)

(2018/C 427/55)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Marina Tataram (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: inizjalment A. Salerno, sussegwentement F. Moysse, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment J. Currall u G. Gattinara, sussegwentement G. Gattinara u L. Radu Bouyon, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: E. Taneva u M. Ecker, aġenti), Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment M. Bauer u M. Veiga, sussegwentement M. Bauer u R. Meyer, aġenti)

Suġġett

Talba abbażi tal-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni li tiffissa r-remunerazzjoni tar-rikorrenti għal Mejju 2014, kif ikkonkretizzat ruħha fir-rendikont tar-remunerazzjoni għax-xahar imsemmi li ntbagħtilha fil-15 ta' Mejju 2014 u li huwa l-ewwel rendikont li japplika r-Regolament (UE) Nru 423/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jaġġusta, b'effett mill-1 ta' Lulju 2012, ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għalihom (ĠU 2014, L 129, p. 12).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.

- 2) Marina Tataram hija kkundannata għall-ispejjeż.
- 3) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.

⁽¹⁾ ĠU C 178, 01.06.2015 (kawża inizjalment irreġistrata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea bin-numru F-42/15 u ttrasferita quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-01.09.2016).

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Ottubru 2018 – PD vs BEI

(Kawża T-615/16) ⁽¹⁾

(“Servizz pubbliku — Persunal tal-BEI — Fastidju psikoloġiku — Invalidità totali u permanenti — Talba għal rikonoxximent tal-fatt li l-marda hija kkaġunata mix-xogħol — Rikors ippreżentat qabel l-għeluq tal-proċedura ta' rikonoxximent tal-fatt li l-marda hija kkaġunata mix-xogħol — Inammissibilità”)

(2018/C 427/56)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: PD (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentant: B. Maréchal, avukat)

Konvenut: Il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) (rappreżentanti: T. Gilliams u G. Faedo, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u l-Artikolu 50a tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, intiża, essenzjalment, sabiex il-BEI jikkumpensa d-dannu li r-rikorrent allegatament sostna minħabba l-fastidju psikoloġiku mis-superjur ġerarkiku tiegħu u minħabba l-assenza ta' miżuri xierqa meħuda mill-BEI sabiex jirrimedja din is-sitwazzjoni u jipproteġi s-saħħa tiegħu.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) PD u l-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU C 371 tal-10.10.2016 (kawża inizjalment irreġistrata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea taħt in-numru F-45/16 u ttrasferita lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-1.9.2016).

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Settembru 2018 – Franza vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-682/16) ⁽¹⁾

(“FAEG — Għajjuna skont l-erja — Proċedura għas-sospensjoni tal-pagamenti ta' kull xahar lil Stat Membru — Artikolu 41(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 — Elementi prinċipali tas-sistema ta' kontroll nazzjonali — Nuqqasijiet ikkonstatati — Pjan ta' azzjoni b'indikaturi ta' progress ċari stabbiliti wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni — Proporzjonalità”)

(2018/C 427/57)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: F. Alabrune, D. Colas, D. Segoin, A.-L. Desjonquères u S. Horrenberger, aġenti)